# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali ta' Birkikara u L-Imsida**

# Minuti

## Seduta Nru. 5/2010

Data: It-Tnejn, 28 t'Ottubru 2010

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Mario Xuereb
Rudolph Cini
Clifton Grima – Sindku tal-Imsida
Margaret Baldacchino Cefai – Viċi Sindku tal-Imsida
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ta' Birkirkara kien skużat.
Minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara m'attenda ħadd.
Minn naħa tal-Kunsill ta' l-Imsida attendew Kunsilliera oħra biex jiltaqgħu mal-Kumitat.

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Attivitá "*Traffic Awareness Day*" – 2 ta' Novembru 2010
6. Komunikazzjoni miċ-Chairman
7. Affarijiet Oħra
8. Aġġornament

---

## Kontenut


Annex A Minuti 5/2010

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Annex A**

**Minuti 5/2010**

# 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:40pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

# 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tas-Seduta 4/2010 li saret nhar l-4 t'Ottubru 2010, kienu tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Kien hemm korrezzjonijiet kif ġej: F'item 3.4.8 jiżdiedu l-kliem *'u s-Sinjura Mayrose Mifsud'*, 3.5 minflok *'jiddobba'* tiġi *'jakkwista'* 6.2 jiżdiedu l-kliem *'u tal-Imsida'* u kien hemm ukoll korrezzjonijiet fis-sekwenza tan-numri. Wara ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

# 3. Punti mqajma mill-Minuti

3.1 **Fuq punt 3.1.2** – L-Aġent Segretarju qal li prova jerġa jikkuntattja lis-sanita' imma kollu għalxejn u għaldaqstant staqsa lill-Kumitat jekk ġaladarba l-ilma maħmuġ m'għadux joħroġ, jekk m'għadx hemm il-ħtieġa li nkellmu lis-Sanita'. Il-Kumitat iddeċieda li dan il-każ jieqaf u jekk darb'oħra r-residenti jerġgħu jirraportaw, jinfetaħ il-każ mill-ġdid u s-Sanita' jiġu kkuntattjati.

Ilma ħiereġ mill-Flats

3.2 **Fuq punt 3.1.3** – L-Aġent Segretarju qal li bagħat email lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex l-istudju fuq it-taraġ ta' Valley Road jitkompla mill-perit. Sa llum il-Kumitat għadu ma rċeviex risposta mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Valley Road

3.2.1 Iċ-*Chairperson* qalet li ġo Valley Road, quddiem *IdeaCasa*, hemm *bus stop* mill-ġodda mentri fin-naħa l-oħra tat-triq il-*bus stop* għada mill-antiki u mkissra. Il-Kumitat iddeċieda li l-Aġent Segretarju jistaqsi lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara min jista' jagħmel il-*Bus Stops* il-ġodda sabiex din tkun tista tinbidel.

*Bus Stop* ġo Valley Road

3.3 **Fuq punt 3.4** – L-Aġent Segretarju saqsa lis-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai jekk tal-Playmobil hux ser jipparteċipaw fl-Attivita'. Is-Sinjura Cefai wieġbet li tal-Playmobil ma kkuntattjawiex u mhux ġejjin żgur.

Attivita' '*Traffic Awareness Day*'

3.4 **Fuq punt 3.5** – L-Aġent Segretarju saqsa lis-Sur Mario Xuereb u lis-Sur Jimmy Zahra kif baqgħu mat-Trasport Pubbliku (TM).

Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku

3.4.1 Is-Sur Mario Xuereb irrisponda li TM għadhom għaddejjin bid-diskussjonijiet fuq r-rotot il-ġodda tat-Trasport Pubbliku. Is-Sur Xuereb qal li tkellem ma persuna fit-TM u saqsiha jekk hux is-Swatar ser ikun moqdi aħjar u hi wieġbithu li ġo s-Swatar ser jiżdiedu r-rotot. Kif ikun

lest ir-rapport li jkun hemm fih ir-rotot il-ġodda, it-TM tgħaddihom lis-Sur Mario Xuereb.

3.4.2 Is-Sur Zahra wieġeb li s'issa għadu ma rnexxielux ikellem lit-TM.

3.5 **Fuq punt 7.2** – L-Aġent Segretarju qal li għadu qed jistenna l-paragrafi ta' kull membru sabiex jitqegħdu ġo *leaflet* li ser jitqassam lir-residenti kollha tas-Swatar. Ħadd ma bagħat il-paragrafi ħlief is-Sur Rudolph Cini li bagħat l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-ħin. *Leaflet* mill-Kumitat

3.6 **Fuq punt 3.3** Iċ-*Chairperson* qalet li ma kellha ebda *feedback* minn naħa taż-ZAK u ser tmur tkellimhom għall-aħħar darba. Kunsill taż-żagħżagħ

## 4. Korrispondenza

4.1 L-Aġent Segretarju wera r-ritratti lill-Kumitat li rċieva mis-Sur Daniel Magrin fejn juru l-ħsarat li l-ilma qed jikkawżalu. Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

4.1.1 L-Aġent Segretarju qal li ikkuntattja lis-Sur Magrin u qallu biex iqabbad perit, jagħmel rapport u jibgħatu lill-Kumitat. Waqt il-konverżazzjoni miegħu l-Aġent Segretarju ra li kienet ser tiġih spiża u talbu sabiex jibgħat ir-ritratti biss u mbagħad il-Kumitat jiddeċiedi kif jista jipproċedi. L-Aġent Segretarju issuġġerixxa li dan il-każ jarah il-perit tal-Kunsill Lokali Birkirkara u jagħti lill-Kumitat r-rapport tiegħu fuq dan l-ilment. Imbagħad il-Kumitat jiddeċiedi minn hemm. Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa wkoll li jmur il-perit tal-Kunsill fuq il-post u jmur xi ħadd mill-membri miegħu.

4.1.2 Il-Kumitat qabel unanimament mal-proposta tas-Sur Mario Xuereb.

4.2 L-Aġent Segretarju qal li rċieva l-ittra mid-Dipartiment li ġie aċċettat il-proġett tal-Bandli u l-Kumitat ser jieħu s-somma ta' €16,000 sabiex ikun jista jsir it-tisbiħ u manutenzjoni tal-Bandli. Issa n-nies ser jaraw xi ħaġa tanġibbli. L-Aġent Segretarju spjega li ser jiddiskuti mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Imsida sabiex jibdew ix-xogħolijiet. Ser ikun hemm sejħa għall-offerti għat-*turf* artifiċjali u livellar ta' l-art imbagħad l-oħrajn isiru jew bi kwotazzjonijiet jew *b'direct order*. Il-proġett żgur mhux ser jitlesta sa l-aħħar ta' Diċembru 2010 peress li trid tinħareġ sejħa għall-offerti. Proġett tal-Bandli tas-Swatar

4.2.1 L-Aġent Segretarju qal li ser jibda jaġġorna lill-Kumitat l-iżviluppi li jkunu saru fix-xogħolijiet fuq il-bandli.

## 5. Attivitá "*Traffic Awareness Day*" – 2 ta' Novembru 2010

5.1 Iċ-*Chairperson* irringrazzjat liż-żewġ Kunsilli Lokali talli ipprintjaw il-*flyers* ta' l-attivita' u qassmuhom lir-residenti kollha tas-Swatar. L-Aġent Segretarju żied li l-Kunsill ta' Birkirkara kienu ħafna effiċjenti tant li ġurnata wara li ntbagħtilhom il-*poster*, kienu diġa qassmu l-area kollha tagħhom.

5.1.1 Iċ-*Chairperson* qalet li qed iżżur u tqassam il-*poster* kemm jista' jkun f'postijiet bħal skejjel u ħwienet sabiex tippromwovi l-attivita'. Qalet ukoll li hemm bżonn ikollna *coverage* tal-*media* u marret għand l-Independant, Times u n-Nazzjon kif ukoll għand il-PBS. Barra minn hekk Fr Gordon ser iħabbarha waqt il-quddies.

5.1.2 Iċ-*Chairperson* qalet ukoll li għall-mejda tal-frott ser tirranġa is-Sinjura Yvonne imbagħad il-*helpers* tal-Knisja jieħdu ħsieb waqt l-attivita'.

5.1.3 Is-Sur Mario Xuereb qal li importanti li navżaw lill-Fr Gordon ħalli l-kanċell ikun magħluq mat-8am ħalli l-Pulizija jkunu jistgħu jarmaw. Barra minn hekk tajjeb jekk jagħmel tabella fuq iż-żewġ naħat tal-parkeġġ sabiex il-karozzi ma jipparkjawx ġewwa.

5.1.4 Iċ-*Chairperson* għanda tmur tavża lill-Fr Gordon dwar dan.

5.1.5 Is-Sur Mario Xuereb spjega lill-Kumitat fuq il-laqgħa mal-Assistent Kummissarju is-Sur Josie Brincat fil-*carpark* tal-Knisja u kif ġie miftiehem il-programm mal-Pulizija. Qal ukoll li fl-aħħar minuti rċieva *email* li x-*show* tal-klieb ma ġiex approvat u kellu jitħalla fil-programm peress li l-*flyers* kienu diġa tqassmu. Is-Sur Xuereb qal li l-programm kollu konfermat u kulma jonqos hu li l-Aġent Segretarju jerġa jikkonferma ġurnata qabel l-attivita'.

5.1.6 Iċ-*Chairperson* qalet li l-Assistent Kummissarju s-Sur Michael Cassar ma setgħax jattendi l-attivita'. Id-diskors fuq id-droga jitħalla barra u jekk ikun il-każ isir diskors mill-membri tal-Kumitat lejn l-aħħar ta' l-attivita'.

## 6. Komunikazzjoni miċ-Chairman

6.1 Iċ-*Chairperson* issuġġeriet li wara li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ma jistgħux jattendu fid-dati proposti mill-Kumitat għall-laqgħa tal-konfini, il-Kumitat għandu jipproponi żewġ dati oħra. Laqgħa fuq il-Konfini

6.1.1 Is-Sur Mario Xuereb issuġġerixxa li jekk ma jkunux jistgħu ukoll fid-dati proposti, il-Kumitat għandu jitlob lill-Kunsill sabiex jipproponi data hu. Il-Kumitat qabel ma' din id-deċiżjoni.

6.1.2 Dati proposti mill-Kumitat huma kif ġej:
Il-Ħamis, 11 ta' Novembru 2010 fil-5:30pm; jew
Il-Ħamis, 18 ta' Novembru 2010 fil-5:30pm.

6.2 Iċ-*Chairperson* staqsiet lill-Aġent Segretarju jekk ma kienx hemm xi żvilupp fuq iż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq. Żebgħa tas-Sinjali tat-Toroq.

6.2.1 L-Aġent Segretarju wieġeb li ma kienx hemm ebda żvilupp.

6.2.2 Iċ-*Chairperson* qalet li fi Triq Grosseto żebgħu *reserved parking base* tal-persuni b'diżabilita' u l-bqija tat-triq ma ġietx miżbugħa. In-nies

ħassewhom inġurjati għax stennew li jinżebgħu s-sinjali tat-triq kolla.

6.2.3 Il-Kumitat iddeċieda li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida jiġu mitluba sabiex jiżbgħu is-sinjali tat-toroq kollha li hemm fis-Swatar u jibgħatu lill-Kumitat skeda bid-*deadlines* triq b'triq ta' meta ser jinżebgħu t-toroq.

## 7. Affarijiet Oħra

7.1 L-Aġent Segretarju spjega lill-Kumitat għaliex inbidlet id-data tal-laqgħa tal-Kumitat u ma baqgħetx dik li hemm fl-aġġornament tal-Minuti 4/2010. Qal li ċ-*Chairperson*, f'dik il-ġurnata, kellha laqgħa mal-Prim Ministru li ma setgħatx tfalli u għalhekk ma setgħatx tattendi l-laqgħa tal-Kumitat. Barra minn hekk is-Sinjura Yvonne Spiteri ma setgħax tattendi kif ukoll is-Sur Mario Xuereb kien dubjuż jekk ma jleħħaqx. L-Aġent Segretarju qal li fuq suġġeriment taċ-*Chairperson* ra li kien għaqli li tinbidel id-data tal-laqgħa milli l-membri kif ukoll is-Sindki li kienu jistgħu jattendu għall-laqgħa joqgħodu jinqalgħu għalxejn meta fil-fatt kien hemm ċans kbir li ma jkunx hemm kworun. Bdil tad-Data tal-laqgħa

7.1.1 L-Aġent Segretarju kompla jgħid li hu ġab approvazzjoni unanima tal-membri kollha tal-Kumitat li fil-fatt illum kulħadd attenda għall-laqgħa.

7.2 Iċ-*Chairperson* qalet li għandna norganizzaw xi ħaġa biex niġbru l-flus għall-*Malta Community Chest Fund*. Ilmenti u Proposti'

7.2.1 Is-Sur Rudolph Cini qal li filwaqt illi jemmen ħafna b'dawn l-inizzjattivi kif ukoll jarahom ħafna pożittivi, il-Kumitat għandu bżonn jaħli aktar enerġija fuq il-problemi taż-żona għax in-nies tas-Swatar iridu jaraw affarijiet tanġibbli. L-attivitajiet fihom ħafna xogħol u l-Kumitat ma jistax jispiċċa attivita' u jibda oħra. Hemm bżonn li ssir laqgħa apposta fuq dawn il-problemi.

7.2.2 Is-Sur Mario Xuereb qal li s-suġġerimenti li kien għadda lill-Aġent Segretarju għadhom mhux diskussi mill-Kumitat. Barra minn hekk hemm ukoll is-suġġerimenti ta' Fr Gordon li jridu jiġu diskussi.

7.2.3 Il-Kumitat iddeċieda li fil-laqgħa li jmiss għandu jkun hemm *item* fuq l-aġenda bil-kliem: 'Ilmenti u Proposti'.

7.3 Is-Sur Rudolph Cini qajjem punt fuq il-finanzi tal-Kumitat li bħalissa ma jafx is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kumitat. Finanzi tal-Kumitat

7.3.1 L-Aġent Segretarju wieġeb li għad hemm il-problemi sabiex jagħti rendikont finanzjarju lill-Kumitat. Saret laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi taż-żewġ Kunsilli u tresqu l-ilmenti u s-suġġerimenti lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. S'issa m'għadx hemm risposta. Il-problema prinċipali hi li l-Kumitat m'għandux *Bank Account* tal-Kumitat u l-flus qegħdin imħallta ma tal-Kunsilli. B'hekk il-Kumitat mhux qed ikollu kontroll fuq l-infieq.

7.4 Il-Kumitat iddiskuta d-data ta' meta għandha ssir l-laqgħa li jmiss. Is-Sinjura Yvonne Spiteri qalet li nhar ta' Tnejn, Tlieta u l-Erbgħa ser jibda jkollha problema peress li ser tattendi kors ta' l-Universita'. Bdil tal-Ġurnata tal-Laqgħa.

7.4.1 Il-Kumitat qabel unanimament li l-ġurnata tal-laqgħa tibda ssir nhar ta' Ħamis.

## 8. Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7:20pm għall-Ħamis, 9 ta' Diċembru 2010 ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

________________________

*Chairperson*, KAS

________________________

Aġent Segretarju, KAS

________________________

Data

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| 3.2 | **Fuq punt 3.1.3** Valley Road | Il-Kumitat għadu qed jistenna risposta mill-Perit tal-Kunsill. | Aġent Segretarju |
| 3.2.1 | Bus Stop ġo Valley Road | L-Aġent Segretarju jistaqsi lill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara min jagħmel il-*Bus Stops* ġodda sabiex din tkun tista tinbidel. | Aġent Segretarju |
| 3.4.1 | Rotot Ġodda tat-Trasport Pubbliku | Kif ikun lest ir-rapport li jkun hemm fih ir-rotot il-ġodda, it-TM tgħaddihom lis-Sur Mario Xuereb. | Is-Sur Mario Xuereb |
| 3.5 | **Fuq punt 7.2** Leaflet mill-Kumitat | L-Aġent Segretarju qal li għadu qed jistenna l-paragrafi ta' kull membru sabiex jitniżżlu ġo *leaflet* li ser jitqassam lir-residenti kollha tas-Swatar. | Il-Membri kollha BARRA s-Sur Rudolf Cini. |
| 3.6 | **Fuq punt 3.3** Kunsill taż-żagħżagħ | Iċ-*Chairperson* ser tmur tkellem liż-ZAK għall-aħħar darba. | *Chairperson* |
| 4.1 | Ilment tas-Sur Daniel Magrin. | Jmur il-perit tal-Kunsill fuq il-post u jmur xi ħadd mill-membri miegħu. | Perit tal-Kunsill u Membru tal-Kumitat |
| 4.2.1 | Proġett tal-Bandli tas-Swatar | Aġġornament fuq l-iżviluppi li jkunu saru fix-xogħolijiet fuq il-proġett tal-bandli. | Aġent Segretarju |
| 6.1 | Laqgħa fuq il-Konfini | Dati porposti mill-Kumitat huma kif ġej:<br>Il-Ħamis, 11 ta' Novembru 2010 fil-5:30pm; jew<br>Il-Ħamis, 18 ta' Novembru 2010 fil-5:30pm. | Aġent Segretarju |
| 6.2.3 | Żebgħa tas-Sinjali tat-Toroq. | Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida jiġu mitluba sabiex jiżbgħu is-sinjali tat-toroq kollha li hemm fis-Swatar u jibgħatu lill-Kumitat skeda bid-*deadlines* triq b'triq ta' meta ser jinżebgħu t-toroq. | Aġent Segretarju |
| 7.2.3 | Ilmenti u Proposti' | Fil-laqgħa li jmiss għandu jkun hemm *item* fuq l-aġenda bil-kliem: 'Ilmenti u Proposti'. | Aġent Segretarju |